



24.10.2012

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 0161/2012, imressqa minn Patrick Maeremans, ta' ċittadinanza Belġjana, dwar distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-settur tal-kurjer fil-Belġju

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jilmenta dwar distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-settur tal-kurjer fil-Belġju. L-akbar intrapriżi tat-trasport li jaħdmu bit-trakkijiet għandhom id-dritt għal tnaqqis fis-sisa u, permezz ta' kard tal-fjuwil speċjali, jirċievu tnaqqis fuq il-prezz tal-karburant, minħabba li jużaw kwantitajiet kbar. Il-petizzjonant, li huwa kurjer żgħir indipendenti, ma jgawdix minn dawn il-vantaġġi u għalhekk jinsab f'pożizzjoni żvantaġġata. Huwa jqis li minħabba r-regolamentazzjoni attwali, din hija kwistjoni ta' kompetizzjoni inġusta u jitlob għal regoli ugwali għall-kategoriji kollha ta' servizzi tal-kurjer.

2. Ammissibilità

Declared admissible on 8 June 2012. Information requested from Commission under Rule 202(6).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fis-24 ta' Ottubru 2012.

It-tassazzjoni fuq prodotti tal-enerġija u tal-elettriku u b'mod partikolari tad-diżil hija soġġetta għal regoli armonizzati stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE. L-Artikolu 7 ta' din id-direttiva tippermetti lill-Istati Membri jiddifferenzjaw bejn l-użu "kummerċjali" u "mhux kummerċjali" taż-żejt tal-gass użat bħala propellant taħt ċerti kundizzjonijiet. Fir-rigward tal-ġarr ta' merkanzija d-definizzjoni ta' żejt tal-gass "kummerċjali" tirreferi għal vetturi bil-magna jew kombinazzjonijiet ta' vetturi artikulati maħsuba esklussivament għall-ġarr ta' merkanzija bit-triq u b'piż gross massimu ta' taġġbija permissibli ta' mhux inqas minn 7.5 tunnelli"; Skont l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, il-Belġju japplika tnaqqis ta' taxxa ta' madwar 98 EUR għal kull 1000 litru ta' żejta tal-gass kummerċjali. Il-leġiżlatur

Belġjan ma jidhirx fi ksur tal-liġi tal-UE.

It-trasportaturi li jużaw id-diżil li bbenefika minn tali tnaqqis għat-tħaddim ta' vetturi bil-magna li ma jissodisfawx il-kriterji msemmija qegħdin jaġixxu fi ksur tal-leġislazzjoni nazzjonali adottata mill-Belġju skont id-Direttiva. Fil-każ li l-petizzjonant isir jaf b'tali prassi, għandu jinforma lill-awtoritajiet Belġjani kompetenti li huma responsabbli għall-kontroll tal-applikazzjoni korretta tal-leġislazzjoni nazzjonali.

Rigward il-politika tal-prezzijiet ta' fornituri tal-fjuwil, il-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE ġeneralment ma tostakolax fornituri milli japplikaw prezzijiet irħas għal xerrejja ta' volumi akbar milli xerrejja li jixtri volumi iżgħar. Il-bejgħ ta' volumi kbar huwa probabbli li jiġġenera ekonomiji ta' skala, f'liema każ anki fornituri li għandhom pożizzjoni dominanti fis-suq jistgħu jirrikorru għal tnaqqis korrispondenti. Fin-nuqqas ta' indikazzjonijiet aktar preċiżi, l-imġiba msemmija mill-petizzjonant ma tidhirx li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101 jew l-Artikolu 102 tat-TFUE.

Konklużjoni

Il-Kummissjoni ssib li d-differenzjazzjoni li saret mill-awtoritajiet Belġjani bejn użu kummerċjali u mhux kummerċjali taż-żejt tal-gass użat bħala propellant ma tidhirx fi ksur tal-liġi tal-UE. Il-Kummissjoni ssib ukoll li, meta xerrejja tal-fjuwil li jakkwistaw volumi akbar igawdu minn prezzijiet irħas minn dawk li jixtru volumi iżgħar, dan mhuwiex minnu nnifsu fi ksur tal-liġi Ewropea dwar il-kompetizzjoni.